MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 346/2004

Kawza fil-lista: 32

**A B C f' isimha proprju u b' digriet tat-13 ta' Ottubru 2004 bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri D E F, u G H**
**Vs**
**I J E F, u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress li fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Awissu tas-sena elfejn u erbgha (2004) l-attrici welldet tarbija, D K skond kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid Dokument A li igib in-numru tlett elef u tnejn tal-istess sena (3002/04), liema tarbija giet registrata bhala bint il-konvenut I J E F;

U peress li t-tarbija msemmija hija wild naturali tal-attur G H kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

U peress ukoll li l-minuri fil-fatt m’ ghandhiex pussess ta’ stat konformi mal-att ta’ twelid fuq imsemmi;

U peress li jirrikorru l-elementi mehtiega skond il-Ligi sabiex ic-certifikat tat-twelid imsemmi jigi korrett billi kull fejn hemm indikat l-isem ta’ I J E F u il-konnotati kollha tieghu bhala missier it-tarbija jigu sostitwiti l-isem u l-konnotati ta’ G H bhala missier it-tarbija;

Jghidu il-konvenuti jew min minnhom ghalhiex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li D K E F li twieldet f’ Malta fit 28 ta’ Awissu 2004mhiex il-wild naturali ta’ I J E F imma hija bint naturali ta’ G H.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid fuq imsemmi numru 3002/04 (Dok A) fil-paragrafi kollha li jirrigwardaw it-taghrif dwar missier it-tarbija billi kull fejn hemm indikati isem u kunjom ta’ I J E F jigu sostitwiti l-isem u l-kunjom “G H” u il-kunjom tat-tarbija isir “H” minflok “E F”; kif ukoll fil-kolonna intestata “professjoni, sengha jew stat iehor” jidhlu il-kliem “chef”; fil-kolonna intestata “Eta” jitnizzlu in-numri “37”; fil-kolonna intestata “Twelid” titnissel il-kelma “Mtarfa”, fil-kolonna intestata “Joqghodu” titnissel il-kelma “Santa Lucija”; u fil-kolonna intestata bil-kliem “Isem u Kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet” jitnisslu l-kliem “Alfred H(dead)”.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa stess in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi

dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-attrici ghandha tispecifika n-numru tal-karta ta’ l-identita ta’ l-allegat missier naturali l-attur G H biex jekk it-talbiet attrici jigu milqugha dan id-dettal ikun jista’ jigi inserit fl-Att tat-Twelid koncernat.

3. Illi jekk it-talbiet attrici jintlaqghu l-kliem “the said” iridu jigu kkancellati minn l-annotazzjoni li tispecifika li l-attrici A B C sseparat legalment minn mal-konvenut I Mohammed E F fis-17 ta’ Frar 2004 fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

4. Illi l-interessi tal-minuri ghandhom ikunu rapprezentati minn kuraturi deputati stante illi jista’ jkun hemm kunflitt ta’ interess.

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-isC.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-listi tax-xhieda ta’ dawn il-partijiet;

Rat in-nota prezentata mill-konvenut I J E F li biha ammetta u iddikjara li t-tifla minuri D Frederika mhijex it-tifla naturali tieghu;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attruri qedin jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-minuri D K li twieldet fit-28 ta' Awissu 2004 mhijex il-wild naturali tal-konvenut I J E F, izda hija l-wild naturali ta' l-attur G H;  u talbu il-korrezzjoni relattiva fl-Att tat-Twelid tal-minuri, bin-numru 3002/04

Ghalhekk l-azzjoni odjerna hija bazata fuq id-dispsot tal-Artikolu 77 tal-Kodici Civili.

Mill-provi jirrizulta sodisfacentement provat li l-attrici kienet izzewwget lill-konvenut I J E F fit-18 ta' Jannar 1995.  Illi mill-bidu nett taz-zwieg il-koppja rriskontrat diversi problemi, bil-konsegwenza li fit-28 ta' Ottubru 2002 il-partijiet isseparaw de facto billi l-attrici telqet bit-tfal taghha mid-dar matrimonjali u, wara rapport lid-Domestic Violence Unit ta' l-Agenzija Appogg giet rikoverata f' shelter ta' l-Appogg gewwa Ghawdex. "Hemmhekk zgur ma jistax ikun hemm ebda kuntatt [ma zewgha] ghalhiex dan l-indirizz ikun mistur ghar-ragel li jkun abusiv." Hija damet tghix hemm mas-sorijiet sas-sena 2003.

L-attrici tikkonferma li "qatt ma kelli relazzjoni intima ma I E F minn meta tlaqt mid-dar matrimonjali" [fol.27].

Sussegwentement fid-9 ta' April 2003 hija ltaqghet ma' l-attur G H, u bdiet relazzjoni soda mieghu, tant li seba xhur wara, hija harget tqila bit-tifla D K, liema tifla twieldet fit-28 ta' Awissu 2004.

L-attrici tikkonferma "li ma kelli ebda relazzjoni intima ma ebda persuna ohra hlief ma' G H minn mindu iltqajt mieghu sal-present." [fol.28]  Di fatti l-minuri qeda titrabba minn G H bhala l-missier naturali taghha.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li l-minuri D K E F li twieldet fit-28 ta' Awissu 2004 mhijex il-wild naturali tal-konvenut I J E F, imma hija l-wild naturali ta' l-attur G H li ghandu n-numru ta' l-

identita’ 219670M, bin il-mejjet Alfred imwieled l-Imtarfa u joqghod San Giljan u li fiz-zmien tat-twelid tat-tarbija kellu 33 sena; u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoreggi l-Att tat-Twelid numru 3002/04 tal-minuri D K billi jitnehha l-isem u l-konnotati tal-konvenut I J E F u minflok jitnizzel l-isem ta’ l-attur G H u l-konnotati tieghu.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta’ l-attrici A B C proprio u l-attur G H, fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------